MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 518/2014

**Rikors Numru 518/2014 SM**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**vs.**

**Jaroslaw Maciej Lewandowski**

**(detentur tal-karta tal-identita`**

**numru 110615 A**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-17 ta’ Gunju, 2014, li permezz taghha d-Direttur Generali rikorrenti fuq indikat sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta’ Marzu, 2010, giet implimentata fil-ligi ta’ Malta permezz ta’ l-Avviz Legali Numru 153 ta’ l-2012, li dahal fis-sehh fl-1 ta’ Jannar, 2012;

1.2. Illi din id-Direttiva tippermetti lid-Direttur Generali rikorrenti biex jigbor taxxa dovuta fi Stati Membri ohra fejn ikun jinstab id-debitur;

1.3. Illi fil-prezent l-imsemmi debitur intimat hu indikat li jinsab Malta;

1.4. Illi l-awtorita` kompetenti tal-Polonja issottomettiet talba lir-rikorrenti fuq riferit biex dan jirkupra taxxa dovuta lill-istess awtorita` mill-intimat;

1.5. Illi l-intimat ghandu jaghti lill-istess awtorita` tal-Polonja l-ammont ta’ tlett mija u sbatax -il elf, u sebgha u ghoxrin Zloti, (317,027.00 PLN), ekwivalenti ghal sebgha u sebghin elf, mitejn u erbatax -il Ewro u tlieta u erbghin centezmu, (€77,214.43), (ara foll 5), oltre l-interessi dovuti skont l-Atti dwar it-Taxxa, (Kap 123 u Kap 372 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-interessi jibdew jiddekorru mid-data tar-rikjesta ghall-irkupru li saret mir-rikorrenti;

1.6. Illi in vista tal-premess, ir-rikorrenti qed jipprocedi bil-procedura odjerna biex jirkupra l-ammont fuq indikat

*stante* li dan jitqies daqs li kieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta, u dan, *ai termini* ta' l-artiklu 9 ta' Avviz Legali fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

1.7. Illi qieghed ukoll jigi allegat dokument appozitu kontenenti t-traduzzjoni rikjesta mill-istess Direttiva tal-Kunsill fuq indikata biex l-intimat ikun specifikatament infurmat li tali rikjesta qed issir skont il-ligi, (ara foll 22 *et sequitur*);

1.8. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti adixxa din il-qorti u talab lil din biex, *ai termini* ta' l-artiklu 9(6) u (7) ta' l-imsemmi Avviz Legali:

1.8.1. Tordna li kopja ta' dan ir-rikors, flimkien mad-dokumenti mieghu annessi mmarkati Dok 'A' u Dok 'B', jigu notifikati lill-intimat skont il-ligi; u

1.8.2. Tordna r-registrazzjoni tad-dokument immarkat Dok 'A' bhala kopja ufficjali biex dan allura jikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

2. Sodisfatta li finalment giet effettwata d-debita notifikazzjoni ta' l-intimat, kemm bir-rikors promotur kif ukoll, bl-avviz relattiv ghas-smiegh ta' din il-procedura, skont il-ligi;

3. Tirrileva li l-intimat in dizamina baqa` fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

4. Illi d-dokumenti pprezentati in atti mir-rikorrenti huma skont il-ligi;

5. Illi allura hi sodisfatta li l-istess rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi;

6. Rat in-nota ta' riduzzjoni datata d-29 ta' Mejju, 2015, li permezz taghha d-Direttur Generali rikorrenti rriduca l-ammont li l-intimat ghandu jaghti lill-awtorita` Pollakka fuq riferita ghal tmienja u sittin elf, sitt mija u erbgha Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€68,604.86);

**DECIDE:**

7.0. Illi in vista tal-premess, filwaqt li tiddikjara li qed takkolji t-talbiet tar-rikorrenti:

7.1. Tordna li kopja tar-rikors promotur, flimkien mad-dokumenti mieghu annessi u mmarkati Dok 'A' u Dok 'B', jigu notifikati lill-intimat;

7.2. Tordna r-registrazzjoni ta' l-istess dokument immarkat Dok 'A' biex, bhala kopja ufficjali, jikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

7.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat fuq indikat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------